MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 47/2012

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi l-partijiet **izzewgu** fis-10 ta’ Lulju, 1992 u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt (2) it-tfal li jisimhom **D** w **J**: **Dok.’A’.**

Illi l-partijiet ilhom **legalment separati** permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni tat-23 ta’ Mejju, 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Elena Farrugia: **Dok. ‘B’**.

Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi *javveraw* **il-kundizzjonijiet kollha** biex issir talba ghall-hall taz-zwieg skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. **Tippronunzja** l-*hall* taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. **Tordna** lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn l-atti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dan peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Mejju 2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi huwa dejjem hallas regolarment il-manteniment dovut lill-intimata u lill-ulied minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------